

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/648

tal-15 ta' Frar 2022

li jemenda l-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ammonti tal-appoġġ mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali fis-sena finanzjarja 2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jtfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 89(4) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw lill-bdiewa skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament, għal sena kalendarja partikolari, b'mill-inqas 5 % għall-parti tal-ammont li taqbeż il-EUR 150 000. F'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat tat-tnaqqis għandu jsir disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għall-miżuri skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).
- (2) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2021 dwar id-deċiżjoni meħuda dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti u l-prodott stmat tat-tnaqqis li jirriżulta għas-sena kalendarja 2022. In-notifiki tal-Bulgarija, taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Irlanda, tal-Greċja, ta' Spanja, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Ungerija, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja u tal-Finlandja indikaw prodott stmat tat-tnaqqis akbar minn zero.
- (3) F'konformità mas-seba' subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, il-Latvja u n-Netherlands innotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2021 dwar id-deċiżjoni tagħhom li jittrasferixxu għas-sena kalendarja 2022 ċertu perċentwal tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti bħala appoġġ addizzjonali ffinanzjat skont il-FAEŻR għas sena finanzjarja 2023.
- (4) F'konformità mas-seba' subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, u l-Portugall innotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2021 dwar id-deċiżjoni tagħhom biex jagħmlu disponibbli, bħala pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2022, ċertu ammont tal-allokazzjoni tal-FAEŻR tagħhom għas-sena finanzjarja 2023.

⁽¹⁾ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

- (5) Abbażi ta' dawk in-notifiki, l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ġew emendati fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2022 bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/42 ⁽³⁾.
- (6) Id-diżaggregazzjoni annwali, skont l-Istat Membru, tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-Pjan Strateġiku tal-PAK u t-total ta' dik il-kontribuzzjoni għall-perjodu mill-2023 sal-2027 huwa stabbilit fl-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 jiġi emendat skont dan.
- (8) Peress li l-emendi magħmula b'dan ir-Regolament jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 għas-sena 2023, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/42 tat-8 ta' Novembru 2021 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2022 (ĠU L 9, 14.1.2022, p. 3).

Diżaggregazzjoni tal-appoġġ mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali (2023 sal-2027) imsemmija fl-Artikolu 89(3)

(prezzijiet attwali, f'EUR)

Stat Membru	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2023–2027
Il-Belġju	105 730 894	82 800 894	82 800 894	82 800 894	82 800 894	436 934 470
Il-Bulgarija	282 979 644	282 162 644	282 162 644	282 162 644	282 162 644	1 411 630 220
Iċ-Ċekja	267 027 708	259 187 708	259 187 708	259 187 708	259 187 708	1 303 778 540
Id-Danimarka	155 982 060	75 934 060	75 934 060	75 934 060	75 934 060	459 718 300
Il-Ġermanja	1 485 615 738	1 092 359 738	1 092 359 738	1 092 359 738	1 092 359 738	5 855 054 690
L-Estonja	88 031 648	88 016 648	88 016 648	88 016 648	88 016 648	440 098 240
L-Irlanda	311 641 628	311 640 628	311 640 628	311 640 628	311 640 628	1 558 204 140
Il-Greċja	651 491 600	556 953 600	556 953 600	556 953 600	556 953 600	2 879 306 000
Spanja	1 081 552 825	1 080 382 825	1 080 382 825	1 080 382 825	1 080 382 825	5 403 084 125
Franza	2 007 185 070	1 459 440 070	1 459 440 070	1 459 440 070	1 459 440 070	7 844 945 350
Il-Kroazja	268 849 401	297 307 401	297 307 401	297 307 401	297 307 401	1 458 079 005
L-Italja	1 355 321 375	1 349 921 375	1 349 921 375	1 349 921 375	1 349 921 375	6 755 006 875
Ċipru	23 770 514	23 770 514	23 770 514	23 770 514	23 770 514	118 852 570
Il-Latvja	142 745 173	117 495 173	117 495 173	117 495 173	117 495 173	612 725 865
Il-Litwanja	195 495 162	195 495 162	195 495 162	195 495 162	195 495 162	977 475 810
Il-Lussemburgu	11 626 644	12 310 644	12 310 644	12 310 644	12 310 644	60 869 220
L-Ungerija	384 539 149	416 869 149	416 869 149	416 869 149	416 869 149	2 052 015 745
Malta	19 334 497	19 984 497	19 984 497	19 984 497	19 984 497	99 272 485
In-Netherlands	180 985 369	73 268 369	73 268 369	73 268 369	73 268 369	474 058 845
L-Awstrija	520 024 752	520 024 752	520 024 752	520 024 752	520 024 752	2 600 123 760
Il-Polonja	1 004 581 539	1 320 001 539	1 320 001 539	1 320 001 539	1 320 001 539	6 284 587 695
Il-Portugall	455 630 620	540 550 620	540 550 620	540 550 620	540 550 620	2 617 833 100

(prezzijiet attwali, fEUR)

Stat Membru	2023	2024	2025	2026	2027	Total 2023–2027
Ir-Rumanija	967 049 892	967 049 892	967 049 892	967 049 892	967 049 892	4 835 249 460
Is-Slovenja	110 170 192	110 170 192	110 170 192	110 170 192	110 170 192	550 850 960
Is-Slovakkja	260 599 909	259 077 909	259 077 909	259 077 909	259 077 909	1 296 911 545
Il-Finlandja	354 551 956	354 549 956	354 549 956	354 549 956	354 549 956	1 772 751 780
L-Iżvezja	211 889 741	211 889 741	211 889 741	211 889 741	211 889 741	1 059 448 705
Total tal-UE-27	12 904 404 700	12 078 615 700	12 078 615 700	12 078 615 700	12 078 615 700	61 218 867 500
Assistenza teknika (0,25 %)	30 272 220	30 272 220	30 272 220	30 272 220	30 272 220	151 361 100
Total	12 934 676 920	12 108 887 920	12 108 887 920	12 108 887 920	12 108 887 920	61370228600”